MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 54/2004

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-atturi inkarigaw lill-konvenut sabiex jibnilhom il-fond “Sunset”, fi Triq Duru, Nadur, Ghawdex;

Peress illi ricentament l-atturi skoprew illi l-opramorta ta’ l-oghla bejt inqasmet u mhix mibnija skond l-arti u s-sengha u in oltre l-gebel illi intuza ghall-bini ta’ din l-opramorta ma hux adattat ghall-istess u dan skond ic-certifikat tal-Perit hawn anness u markat Dokument NA1;

Peress illi l-atturi interpellaw diversi drabi lill-konvenut sabiex ibiddel u jibni mill-gdid l-imsemmija opramorta izda huwa baqa’ inadempjenti;

Peress illi sabiex tinbidel din l-opramorta l-ispiza hija ta’ tmien mija u disgha u erbghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm 849.60) skond l-istima hawn annessa u markata Dokument AN 2;

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu umilment illi dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tmien mija u disgha u erbghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm 849.60) spejjez tal-opramorta, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali ta’ Jannar 2004 u bl-ispejjez tal-prezenti procedura u bl-imghaxijiet skond il-ligi.”

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa :

“ 1) Illi t-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta’ Lm849.60 mhijiex gustifikata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

2) Illi x-xoghol mill-konvenut fil-bini tad-dar tal-atturi sar skond l-arti u s-sengha, inkluz il-bini tal-opramorta li minnha qeghdin jilmentaw l-atturi;

3) Illi mhuwiex minnu li l-gebel kollu tal-opramorta nqasam izda xi kantuni u dan mhuwiex dovut ghal xoghol hazin jew ghal uzu ta’ kantuni mhux tal-kwalita’ pattwita, izda ghal xi difett fil-gebla ta’ x’uhud mill-kantuni, liema kantuni li rrizultaw difettuzi u nqasmu sid il-barriera kien u ghadu lest li jissostitwihom b’ohrajn;

4) Illi mhuwiex il-kaz li tinbidel l-opramorta kollha izda pro bono pacis u interament bla pregudizzju u biss biex izomm lill-atturi kuntenti, il-konvenut kien accetta bi qbil mal-atturi u sid il-barriera li ibdel il-gebel tal-opramorta purche’ li dan il-gebel l-ispejjez tieghu jigu sopportati terz mill-atturi, terz mill-konvenut u terz iehor mill-kumpanija Bugeja Brothers (Gozo)Ltd:

5) Illi jkun opportun li tigi kjamata fil-kawza l-kumpanija Bugeja Brothers (Gozo) Ltd li kienet issuppliet il-gebel ghall-bini tad-dar;

6) Illi bla pregudizzju ghall-premess, il-konvenut lanqas ma jaqbel mas-somma li qed tintalab mill-atturi billi tali somma hija esagerata u hija ferm aktar mill-ispejjez li kienet giet tiswa l-opramorta kollha meta bniha l-konvenut ta’ Lm261.30 bil-faxxa b’kollox madwar sentejn ilu.”

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza (vide fol 39) li eccepixxa:

" 1) Illi kwantu direttti fil-konfront ta' l-eccipjenti, it-talbiet atturi huma kolpiti bil- preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 1431 tal-Kap.16.

2) Illi mertu l-esponenti qieghda tikkontesta bhala infondata sew fid-dritt u kif ukoll fil-fatt it-talbiet atturi kif diretti kontra taghha.

3) Illi l-atturi qatt ma kellhom relazzjoni guridka ma' l-esponenti. Huma qatt ma ghamlu jew iddiskutew xi negozju maghha u qatt ma xtraw materjal minghandha.

4) Illi l-uniku negozju li jsir mill-eccipjenti ikun mal-konvenuti. Kull materjal mibjugh mill-eccipjenti kien ta' kwalita' tajba.

5) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, sabiex tirrizulta responsabilita' da parti ta' l-eccipjent, ghandu jigi ppruvat li l-materjal konsenjat mill-konvenuti lill-atturi inxtara verament minghand is-socjeta' kjamata in kawza u mhux minghand haddiehor.

6) Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat huwa wiehed esagerat u ma hux gustifikat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Sema' l-provi.

Ikkunsidra illi:

Jirrizulta mir-rapport tal-perit tekniku li l-kawza tad-difetti fix-xoghol esegwit mill-konvenut fuq inkariku tal-atturi kienet unikament il-gebel difettuz u ta' kwalita inferjuri ghal dik pattuwita supplit mill-kjamat fil-kawza.

Jirrizulta wkoll li l-partijiet ftiehmu li tinbidel l-opramorta li kellha l-imsemmi gebel difettuz u illi l-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet kontendenti, terz kull wiehed

(ara b'mod partikolari fol 33 tal-process). Kuntrarjament ghal dak eccepit mill-konvenuti, kien hemm ftehim, mhux offerta da parti tal-istess konvenuti li ma gietx accettata, u ghalhekk l-eccezzjoni taghhom f'dan is-sens (ir-raba' wahda fir-risposta) qeghda tigi respinta.

Jirrizulta ghalhekk illi kien hemm ftehim vinkolanti bejn il-partijiet kontendenti kollha li ssostitwixxa l-obbligazzjonijiet reciproci originali ta' bejniethom naxxenti min-naha l-wahda mill-appalt bejn l-atturi u l-konvenuti u min-naha l-ohra mill-bejgh u konsenja tal-gebel bejn il-konvenuti u l-imsejjah fil-kawza. Ftehim bhal dan, li jista' jitqies bhala novazzjoni, huwa vinkolanti, ghax ma jammontax ghal transazzjoni fis-sens tekniku-guridiku taghha, u allura mhix rikjesta skrittura privata ghall-validita' tieghu. Hekk qalet il-Prim'Awla f'sentenza ricenti[1[1]]:

*L-artikolu 1718 tal-Kap.16 jipprovdi illi :-*

*"It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw li tkun sejra ssir."*

*L-estremi tat-transazzjoni huma kawza mibdija li tigi mitmuma, u haga moghtija, imweghda jew mizmuma bejn il-partijiet kontraenti.*

*It-transazzjoni li jkollha bhala oggett taghha xi immobbli ghandha ssir b'att pubbliku. Jekk l-oggett taghha ma jkunx xi mmobbli, it-transazzjoni trid issir almenu bi skrittura privata. Jekk ma tigix osservata din il-formalita` t-transazzjoni tkun nulla u ta' ebda effett.*

*Skopta' dan il-kuntratt huwa dak li tigi terminata kawza mibdija jew li tigi evitata kawza imminenti b'mod li hija nulla kwalunkwe transazzjoni bejn il-partijiet fuq haga li huma jkollhom kontroversja fuqha; kontroversja, mbaghad, li trid tkun serja u reali, b'dubju dwar l-ezitu taghha; u cjoe' li l-kawza li l-partijiet ikunu jridu jitterminaw jew jevitaw tkun trid tkun dubja fiha nfisha jew fl-animutal-*

[1[1]] BUHAGIAR TREVOR ET **vs** MONTALDO INSURANCE SERVICES PEN – Imhallef R C Pace - 30/04/2003

*partijiet.*

*Hija bizzejjed il-possibbilta` ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet biex ikunhemm wiehed mill-presupposti tal-kundizzjonijiet ta' transazzjoni.*

*Ghandu jkun car illi potenzjalment kull vertenza dwar drittijiet pretizi setghet twassal ghal proceduri gudizzjarji. Mill-banda l-ohra, kull vertenza bhal din setghet tigi komposta barra l-Qorti w indubbjament il-ligi ma tesigix, u mkien ma hemm provdut, li kull ftehim milhuq dwar vertenza ta' din ix-xorta kellu necessarjament jigi redatt bil-miktub u ffirmat mill-kontendenti ad validitatem u taht piena ta' nullita`. Il-ligi bl-ebda mod ma riedet tnaqqas il-valur tal-ftehim bonarju, sigillat bil-ftehim bil-fomm, taht l-insenja ta' l-irgulija. Il-ligi kienet tesigi biss illi meta l-vertenza dwar drittijiet tkun tifforma l-mertu ta' kawza diga' mibdija jew li tkun sejra ssir, din kien jehtieg li ssir b'kitba taht piena ta' nullita` biex tigi assigurata c-certezza ta' prova li tali transazzjoni tkun verament sehhet u biex jigu kjarament stabbiliti t-termini taghha.*

*Dan proprju biex jigi evitat li ftehim ta'din ix-xorta mhux kjarament espress jew jintralcja ulterjorment kawza gia mibdija jew jipprovoka komplikazzjonijiet f'kawza li tkun sejra ssir. Il-ligi allura, f'dawn ic-cirkostanzi, tesigi l-ahjar prova ta' l-obbligazzjonijiet assunti u taghzel li tinjora bhala mhux ezistenti kull komposizzjoni bonarja ta' vertenzi li ma jkunux bil-miktub.*

*Il-kelma transazzjoni fis-subinciz 1 (d) ta' l-artikolu 1233 tal-Kodici Civili kellha tigi mifhuma fid-definizzjoni li l-ligi taghti ta' din il-kelmaqua forma ta' kuntratt fl-artikolu 1718. Dan pero` ma jfissirx li kull ftehim iehor dwar pretiza ta' drittijiet ma setghax isir u ma setghax jigi konkjuz jekk mhux in via ta' transazzjoni fis-sens strett tal-kelma precizat bl-artikolu 1718. Ghall-kuntrarju dan hu ghal kollox possibbli u seta' jsir u kien awspikat li jsir, salv pero` d-diffikulta` fil-kaz ta' ftehim bil-fomm tal-prova ta' l-obbligazzjonijiet assunti li jkollha ssir f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar dak li effettivament kien gie miftiehem. Il-ligi ghalhekk tesigi l-iskrittura biss fil-kaz ta' transazzjoni*

*milhuqa fit-termini stretti ta' l-artikolu 1718 in omagg tal-principju contra scriptum non est argumentum u biex takkwista l-vantagg shih ta' tali principju. Dan pero` ma jippreкludix ftehim vinkolanti fil-ligi milhuq biex jiddetermina kwistjonijiet ta' pretiza ta' dritt li jsir bil-fomm meta c-cirkostanzi ma jkunux strettament jinkwadraw ruhhom fil-parametri ta' dak l-artikolu. Parametri precizi li jesigu l-prova tal-kitba biss fil-kaz ta' dawk il-kuntratti ta' transazzjoni, li "jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir.*

*Strettamente parlando meta ftehim ma jkunx iwassal ghall-kuntratt f'dawn ic-cirkostanzi ma setghax propjament jigi kwalifikat bhala transazzjoni "ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi". Fil-qofol tal-kawza allura jirrizolvi ruhu dwar l-interpretazzjoni tal-kliem "jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir". Kliem li kellu jigi sewwa meqjuz. Il-ligi ma titkellimx sempliciment dwar ftehim bejn il-partijiet biex jevitaw kawza jew biex jevitaw kawza li setghet issir. Titkellem dwar kawza li tkun sejra ssir. Kliem li jimplika d-determinazzjoni tal-parti li kellha d-dritt li tagixxa biex tirrivendika l-jeddijiet taghha u li tkun fil-punt li hekk taghmel. Biex jokkorru allura l-elementi tal-kuntratt ta' transazzjoni kellu jirrizulta li bhala effett ta' dak il-ftehim, il-proceduri gudizzjarji li jkunu kjarament ser jigu inizjati jigu mwaqqfa li allura ma tinbediex. Hu ghalhekk, kif sewwa ssottometta l-appellat, li l-gurisprudenza titkellem dwar l-imminenza ta'kawza. Skop ta' kuntratt ta' transazzjoni hu dak li tigi terminata kawza gja mibdija jew li tigi evitata kawza imminenti. Ftehim bejn il-partijiet jikkonvjenu dwar oggett li fuqu ma hemm pendenti ebda kawza, jew li fuqu ma kien hemm ebda hsieb ta' kawza imminenti ma jikkostitwix transazzjoni kif kontemplata fil-ligi.*

Il-ftehim bejn il-partijiet fuq imsemmi jirrizulta li sar ftit jiem qabel is-26 ta’ Marzu 2004 filwaqt li din il-kawza infethet fil-21 ta’ Gunju 2004 u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 1431 tal-Kodici Civili (l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tieghu) imqanqla mill-imsejjah fil-kawza qieghdha wkoll tigi michuda. L-esistenza ta’ dan il-ftehim iggib fix-xejn ukoll l-ewwel, it-tieni, u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti kif ukoll it-tieni,

it-tielet u r-raba eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza li ghalhekk ukoll qeghdin jigu michuda.

Kwantu ghall-hames eccezzjoni tal-imsejjah fil-kawza, jirrizulta mir-rizultanzi processwali, fuq bazi ta' probabilita', illi l-gebel minnu supplit lill-konvenut kien l-istess gebel minnu wzat ghall-opramorta in kwistjoni u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

Issa t-talba tal-atturi hija bbazata fuq il-premessa, diretta kontra l-konvenuti, li x-xoghol appaltat gie esegwit hazin u li ntuza gebel mhux addattat. Fl-avviz tat-talba, imkien ma jissemma l-ftehim ghalkemm l-atturi jsemmuh fid-deposizzjonijiet u provi dokumentali minnhom imressqa. Dan it-Tribunal, ghalhekk ma jista' qatt jircievi b'favur it-talba mressqa fl-avviz tat-talba, almenu mhux a bazi tal-premessi kif dedotti, ghax dawn jistriehu fuq obbligazzjonijiet li gew sostitwiti jew almenu modifikati bil-ftehim sussegwenti li sar bejn il-partijiet. Pero' sejjer jikkunsidra jilqax it-talba, jekk din tabilhaqq tirrizulta, kollha jew in parti, a bazi tal-ekwipollenza. Ghax kif qalet tajjeb f'sentenza ricenti l-Onorabbli Qorti tal-Appell[2[2]]

*Ikun forsi opportun jekk ghal darba ohra, kif gja kellha okkazjoni taghmel f'decizjonijiet ohra, din il-Qorti tirribadixxi certi principji generali li jghoddu qabel ma tinoltra ruhha fl-ezami tal-aggravji u tar-risposta ghalihom.*

*1. Hu ritwalment rikjest bl-Artikolu 156 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi l-oggett u r-raguni tattalba fic-citazzjoni ghandhom ikunu mfissra car u sewwa u in linea ta' principju dawn ma jistghux jigu mibdula jew aggunti. Tant li jinsab enuncjat f'bosta sentenzi illi l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att taccitazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni (**Kollez Vol XXXIX pI p243**). Fi kliem iehor il-kawzali tad-domanda hija dik espressa ficcitazzjoni u mhux lecitu li l-kawza tigi*

[2[2]] per Onor Imhallef P Sciberras in re **Design Elements Limited vs Michael P. Camilleri pro et noe – 20-10 2004**

*maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (**Kollez Vol. XXXIV pI p108**).*

*2. Gie pero` enuncjat ukoll illi f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni il-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq ilmeritu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullita` (**Kollez Vol XXIX pII p698**; **Vol XLVIII pII p777**). Dan in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun ilKopja moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoragixxi lformalizmu rigidu li "si attaccava con troppa severita` e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'ammistrazione della giustizia in generale" (**Kollez Vol XXVI pI p424**). U allura kien sostnut, "nulla osta a che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere dei rapporti guridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite, nello scopo di provvedere perche restino liquidati, se il caso cosi esigesse per la retta amministrazione della giustizia" (**Kollez Vol X pagna 1**).*

*3. Aktar fundamentali minn hekk hu l-fatt illi l-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bilkawzali ta' l-avviz. Dan hu dezunt bl-aktar mod car mittest tal-ligi procedurali kif espress fl-artikolu 213 tal-Kap 12 abbinat ukoll mal-artikolu 171 (1) tal-istess kap. "Trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge e` meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse introdotta in una Corte Superiore" (**Kollez Vol XXIV pI p615**). Ifisser ghalhekk li lpretensjoni tista' tkun artikolata bi kwalunkwe forma intelligibbli, "e su tale domanda la Corte proceda "sola facti vertate inspecta", applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore" (**Kollez Vol XII pagna 316**).*

Ghalkemm ir-regoli tal-Kap 12 ma japplikawx ghal dan it-Tribunal ghajr fejn espressament specifikat, huwa intuwittiv li l-procedura quddiemu m'ghandha qatt tkun

sahansitra iktar formali minn dik veljanti quddiem il-Qrati Inferjuri, u ghalhekk it-taghlim tal-Qorti tal-Appell fuq ikkwotat ghandu japplika wkoll ghal dan it-Tribunal, li ghandu jzomm il-proceduri quddiemu sommarji u informali kemm jista' jkun. Anzi, apparti l-ekwipollenza, hemm kunsiderazzjoni ohra: dik li t-Tribunal ghandu jaqta' l-kawzi quddiemu a bazi tal-ekwita', sia pure ekwita skond il-ligi.

Mir-rapport tal-perit tekniku, jirrizulta li l-istima ghar-rimpjazzament tal-gebel hazin hija ta' LM730 (fol 43) esklus li VAT (fol 53). Ghalhekk is-somma tammonta ghal LM861.40c li hija sahansitra oghla minn dik mitluba fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi in parte billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' LM283.20; u lill-kjamati fil-kawza ghall-hlas ta' LM283.20 u dan a tenur tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti fuq imsemmi, bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv. L-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Jannar 204 jinqasmu ugwalment bejn it-tlett partijiet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------